# Aħbar Tajba



1 Sam 26, 2.7-9.12-13.22.-23
S 102 (103), 1-2.3-4.8.10.12-13
1 Kor 15, 45-49
Lq 6, 27-38

"Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati; aħfru, u ssibu l-maħfra; agħtu, u jingħatalkom.
**Kejl tajjeb marsus, mheżżeż sewwa u mburġat iqegħdulkom f'ħoġorkom."**

Illum se nkellimkom ftit fuq ħabib li kelli meta kont ferm iżgħar li kien jismu Gilbert. Iltqajt miegħu l-ewwel darba l-MUSEUM u nammetti li għall-ewwel kien jidher tifel bħal ħafna oħrajn, għalkemm mill-ewwel kont tinduna li kellu qalb tajba. Kien tifel fuq tiegħu, moħħu jilħaqlu, tajjeb fl-iskola u kapaċi fl-isport. Kien imur tajjeb ma' kulħadd u fuq kollox ma kienx jippretendi li hu aħjar mill-oħrajn. Kien dak kollu li tixtieq issib fi sħabek.

Imma l-istorja tiegħu tinbidel f'daqqa meta ta' għaxar snin jindunaw li kellu marda serja. Kellu jitla' aktar minn darba l-Ingilterra għall-kura u għall-ewwel beda jidher li l-agħar żmien kien għadda. Iżda aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdew jindunaw li l-marda kienet daħlet ġmielha u ma tantx kien hemm x'jistgħu jagħmlu.

Il-kura li kien qed jieħu bdiet tħalli effett u għalkemm il-futbol dejjem baqa' jħobbu, imma kulma seta' jagħmel hu li jara lil sħabu jilgħabu fil-bitħa. Mhux l-ewwel darba li dawn ftehmu biex flok joqgħodu jilgħabu jintefgħu ħdejh jitkellmu u jgħidu ċ-ċajt. Imma malli jinduna Gilbert kien jgħidilhom li kien gost tiegħu jarahom jilgħabu.

Iżda l-aktar ħaġa li kienet tolqtok meta tiltaqa' ma' Gilbert kienet il-ferħ u l-paċi li kellu f'qalbu. Għalkemm il-marda kienet ħaditlu ħafna minn saħħtu, l-ispirtu tiegħu qisu sar aktar b'saħħtu. Sewwa jgħid il-Malti, li Alla jagħlaq bieb u jiftaħ mija. Il-marda lil Gilbert ġabitu aktar qrib ta' Alla. Filgħodu kmieni kien jgħid lil missieru biex iwasslu għall-quddiesa tal-ewwel, kien jitlob kuljum, u qatt ma kien jitlef l-opportunità li jmur il-MUSEUM għax kien iħoss li dik il-laqgħa ta' kuljum kienet tgħinu ħafna. Hemm ħafna drabi kont issibu maġenb il-bitħa jitkellem ma' xi tfal oħra, jgħaddilhom xi pariri u jwiegħdhom li jitlob għalihom. Mhux l-ewwel darba li kont tisimgħu jgħid li jħossu ppreferut minn Alla! Il-marda ma kienx iħares lejha bħala xkiel iżda bħala opportunità biex jagħmel il-ġid. Sħabu jistqarru li qatt ma kienu daqshekk magħqudin daqs meta Gilbert kien ikun magħhom. Il-preżenza tiegħu kienet biżżejjed biex tnissel spirtu ta' paċi fil-post.

Bejnietna konna nħossu li Gilbert kien l-aħjar li jista' jkun. Fl-Evanġelju tallum Ġesù jgħidilna kif inkunu tassew l-aħjar li nistgħu nkunu – qaddisin. Għax din hi l-biċċa xogħol li rridu nagħmlu f'ħajjitna, li nkunu l-aħjar li nistgħu nkunu.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** ĦOBBU, GĦEDEWWA, ĠID, BIERKU, ITOLBU, AGĦTI, ĦLAS, TISILFU, TIĠĠUDIKAWX, TIKKUNDANNAWX, AĦFRU, KEJL.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | T | T | W | A | L | I | T | À | F |
| T | I | S | I | L | F | T | I | R | E |
| T | S | U | S | T | L | I | Ġ | I | D |
| I | I | D | I | K | E | K | Ġ | T | U |
| T | L | K | E | J | Z | K | U | O | N |
| U | F | O | R | T | E | U | D | L | Ġ |
| D | U | T | L | IE | Z | N | I | B | O |
| A | S | Ħ | L | A | S | D | K | U | R |
| GĦ | E | D | E | W | W | A | A | R | Ġ |
| T | A | J | J | B | E | N | W | U | P |
| I | S | B | A | IE | N | N | X | N | R |
| R | A | Ħ | F | R | U | A | W | A | E |
| S | A | B | I | K | L | W | IE | Ħ | C |
| Ħ | O | B | B | U | R | X | K | N | A |



## L-OPRI TAL-ĦNIENA

**L-opri tal-ħniena li jmissu l-ġisem**
Itma' lil min hu bil-ġuħ
Isqi lil min hu bil-għatx
Libbes lil min hu għarwien
Ilqa' lil min hu bla dar
Żur il-morda
Żur il-ħabsin
Idfen il-mejtin

**L-opri tal-ħniena li jmissu r-ruħ**
Agħti parir tajjeb lill-ħosbien
Għallem lil min ma jafx
Widdeb lill-midinbin
Farraġ lill-imnikktin
Aħfer il-ħtijiet
Ħu sabar b'min idejqek
Itlob 'l Alla għall-ħajjin u għall-mejtin




Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.



AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!
AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!
ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre
design • video production • animation • publishing • web



Promozzjoni
Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.


mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION